MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 131/2016/1 LM

**AMAC Limited (C 27741)**
*("is-soċjetà appellanta")*

***vs*.**

**MBR Publications Limited (C 66371)**
*("is-soċjetà appellata")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **MBR Publications Limited (C 66371)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Marzu, 2020, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"], li

permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti **AMAC Limited (C 27741)** [minn issa ’l quddiem is-soċjetà “appellata”] billi laqgħet it-talbiet tagħha u kkundannat lis-soċjetà appellanta tħallasha s-somma ta’ €6,010.00 (sitt elef u għaxar Euro), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur fl-10 ta’ Ġunju, 2016, sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż kontra tagħha.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta’ dan l-appell jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas magħmula mis-soċjetà appellata għal servizz li hija pprovdiet lis-soċjetà appellanta fit-13 ta’ Novembru, 2015, fil-Palazz tal-President, Verdala, fl-okkażjoni tal-Malta Business Awards. Tali servizz kien jinkludi fost affarijiet oħra l-kiri u l-armar ta’ tinda, palk, dawl u *sound* kif mitlub lilha mis-soċjetà appellanta.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellata istitwiet il-proċeduri odjerni permezz ta’ rikors fil-10 ta’ Ġunju, 2016, fejn ħarrket lis-soċjetà appellanta sabiex tħallas is-somma ta’ €6,010.00 (sitt elef u għaxar Euro) skont il-fattura hemm annessa, rappreżentanti l-prezz ta’ servizz reż fit-13 ta’ Novembru, 2015, fil-Palazz tal-President, Verdala, konsistenti fil-provvista ta’ *stage,* dawl, *visual* u tinda fl-okkażjoni ta’ Malta Business Awards.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet billi eċċepiet li t-talbiet tas-soċjetà appellata kienu għalkollox infondati fil-fatt u wkoll fid-dritt għaliex: (1) hija kienet ħallset depożitu akkont ta' €2,500 (elfejn u ħames mitt Euro) li kellu jitnaqqas mill-prezz pretiż; (2) l-iskont kellu jingħata fuq il-prezz qabel ma jiżdied il-VAT; (3) il-banda ma setgħetx tagħmel użu mill-palk; u (4) ma kien hemm l-ebda ordni għal xi aċċessorji li għalihom kien qed jintalab ħlas.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Is-soċjetà rikorrenti mar-rikors promotur ippreżentat żewġ* cash sales *indirizzati lil* MBR Publications Limited *fir-rigward ta' servizz provdut lis-soċjetà intimata fit-13 ta' Novembru, 2015 fil-Palazz tal-President, il-Verdala:*

1. Cash Sale No: *110 datata t-23 ta' Novembru, 2015 - €4,099.20;*
2. Cash Sale No: *111 datata t-23 ta' Novembru, 2015 - €4,410.84.*

*Jirriżulta wkoll, liema fatt mhuwiex kontestat li s-soċjetà intimata għamlet żewġ ħlasijiet akkont, liema ħlasijiet huma indikati fit-tieni dokument tramite żewġ* cheques *maħruġa mill-bank kummerċjali* Bank of Valletta p.l.c. *bin-numru erbgħa, sebgħa, tnejn (472) fl-ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) u erbgħa, tmienja, tmienja (488) fl-amont ta' elf Euro (€1,000).*

*L-ammont totali taż-żewg* cash sales *huwa ta' tmint elef, ħames mija u għaxar Euro u erba' ċenteżmi (€8,510.04) li minn dan l-ammont irid jitnaqqas elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u b'hekk jirriżulta l-ammont reklamant mis-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef, għaxar Euro u erba' ċenteżimi (€6,010.04).*

*Minn naħa l-oħra s-soċjetà intimata qiegħda tikkontesta l-ammont reklamat mis-soċjetà rikorrenti b'dan illi tisħaq li l-ammont indikat fil-*cash sale no: 111 *fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u għaxar Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€4,410.84) tħallas bi flus kontanti mis-socjetà intimata preċiżament mid-Direttriċi Margaret Brincat fil-preżenza tad-Direttur l-ieħor Martin Vella tlett (3) ijiem qabel l-avveniment in kwestjoni. Filwaqt li r-rimanenti bilanċ ta' elf ħames mija disgħa u disgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€1,599.20) m'għandux jitħallas mis-soċjetà intimata in vista tal-fatt li sar ftehim ta' tpartit bejn iż-żewġ partijiet li għoxrin fil-mija (20%) tal-ispejjeż relatati mal-avveniment kellhom jissarrfu f'reklamar offrut lis-socjetà rikorrenti.*

***Provi Dokumentarji***

*Is-socjetà rikorrenti esebiet tlett (3) dokumenti, tnejn (2) minnhom imsemmija* cash sale no: 110 *u* cash sale no: *111 datati t-23 ta' Novembru, 2015 bl-ammonti ta' erbat elef, disgħa u disgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€4,099.20) u erbat elef erba' mija u għaxar Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€4,410.84), li mill-aħħar ammont tnaqqsu pagamenti li saru tramite żewġ (2)* cheques *fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) kif ukoll* statement *datat l-31 ta' Mejju, 2016 li fih jikkomprendi l-ammont totali pretiż mis-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef, għaxar Euro u erba' ċenteżmi (€6,010.04). Dawn id-dokumenti gew ippreżentati kemm mal-att promotur kif ukoll waqt li l-istess Alan Cutajar kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu.*

*Min naħa l-oħra s-soċjetà intimata ippreżentat dokument* statement *datat l-14 ta' Frar, 2016 li fih l-ammont totali pretiż mis-soċjetà rikorrenti huwa ta' erbat elef, seba' mija u tlettax-il Euro (€4,713), dokument imsemmi* quote no: 2015358 *datat s-26 ta' Ottubru, 2015, dokument li juri bdil ta' isem tal-istess dokument indikat fis-surreferit minn* cash sale *111 għal* invoice no: 407 *u l-istess dokumenti* cash sale no: 110 *u* cash sale no: 111 *datati t-13 ta' Novembru 2015 minflok t-23 ta' Novembru, 2015.*

*Sabiex il-għoqda tkompli titħabbel, mid-dokumenti esebiti mis-socjetà intimata filwaqt li l-*invoice no: 407 *fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u għaxar Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€4,410.84) hija datata t-23 ta' Novembru, 2015, id-dokument* cash sale no: 111 *li jikkontjeni l-istess informazzjoni tal-*invoice no: 407 *għajr bdil fl-isem huwa datat it-13 ta' Novembru, 2015, għaxart ijiem qabel.*

*Illi mid-diskrepanza esaġerata fid-dokumenti esebiti mill-partijiet, bejn id-dati, ammonti, kif ukoll ismijiet tal-istess, dokument li jitfa' dawl huwa l-*email *mibgħutha mill-istess Margaret Brincat lil Alan Cutajar datata t-23 ta' Novembru, 2015 li taqra is-segwenti:*

"Hi Alan,
I have noticed that on your invoice you did not put down your VAT number.
I also need VAT receipts of payment of Euros 1500, Euros 1000
Please send them asap"

*Illi skont ix-xhieda ta' Martin Vella in kontro ezami mistoqsi meta għaddew il-pagament ta' erbat elef, erba' mija u għaxar Euro (€4,410) għax huwa stqarr li Alan Cutajar ma riedx izomm l-erbgħa u tmenin ċenteżmi (€0.84) huwa spjega li dan l-ammont kien għadda, "l-Erbgħa filgħodu jumejn qabel l-event" u ċioe' fil-11 ta' Novembru, 2015 fejn saħansitra stqarr ukoll illi, "*aħna qatt ma rċevejna VAT receipts *sal-lum" iżda Margaret Brincat fl-*email *indikata fis-surreferit, fit-23 ta' Novembru, 2015 ma talbitx lil Alan Cutajar riċevuta għal ammont ta' erbat elef, erba' mija u għaxar Euro (€4,410) iżda għamlet referenza għal pagamenti ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u elf Euro (€1,000) rispettivament biss.*

*Konsegwentament, jirriżulta l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u għaxar Euro (€4,410) ma tħallsux mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti. Kieku kien hekk kienet tintalab ukoll l-irċevuta relattiva għal dan il-ħlas u mhux għal ħlas tal-elfejn u ħames mitt Euro biss.*

***Tpartit ta' ghoxrin (20%) fil-mija***

*Illi mill-atti speċifikament l-email mibgħutha minn Martin Vella lil Alan Cutajar datata t-2 ta' Novembru, 2015 jirriżulta ampjament ċar li s-soċjetà rikorrenti kienet ben konsapevoli bil-kundizzjoni imposta mis-socjetà intimata sabiex is-soċjetà rikorrenti tipparteċipa fl-avveniment in kwestjoni u ċioe':*

"h. Barter of 20% on the total amount agreed against advertising on our publication/website and Facebook."

*Alan Cutajar kompla jikkorrispondi ma' Martin Vella in segwitu għal tali email fejn kellu kull ħin u opportunità joġġezzjona għal tali kundizzjoni iżda naqas milli jittenta jneħħi din il-kundizzjoni ta' tpartit imposta mis-socjetà intimata.*

***Nuqqas ta' professjonalità fl-armar da parti tal-istess soċjetà rikorrenti***

*Mill-atti, mix-xhieda prodotti speċifikament mill-*Facebook post *jidher li s-soċjetà intimata kienet fil-fatt kuntenta bix-xoghol tas-soċjetà rikorrenti għajr għal diżgwid fuq l-armar tat-tinda kif ukoll il-qies tal-palk liema kwestjonijiet gew risolti qabel l-avveniment.*

*Konsegwentament dawn l-allegazzjonijiet ġew mressqa matul dawn il-proċeduri biss u jibqgħu biss allegazzjonijiet intiżi sabiex l-istess soċjetà intimata tonqos milli tonora l-obbligi tagħha tal-ħlas dovut lis-soċjetà rikorrenti."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-6 ta' Mejju, 2020, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellata. Is-soċjetà appellanta qiegħda tressaq dawn l-erba' aggravji fejn tissottometti li l-ewwel Qorti: (i) għamlet apprezzament ħażin tal-provi; (ii) naqset milli tagħti effett fid-deċiżjoni tagħha għal dak li kien irriżultalha; (iii) naqset milli tikkonsidra l-inkonsistenzi u l-konfużjoni fil-provi tas-soċjetà appellata; u (iv) għamlet interpretazzjoni żbaljata ta' dak sottomess minnha fir-rigward tan-nuqqas ta' professjonalità fl-armar.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Is-soċjetà appellata tilqa' billi tissottometti li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud, u dan għal dawk ir-raġunijiet li tispjega fir-risposta tagħha, filwaqt li s-sentenza għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha, u dan fid-dawl ta' dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *l-ewwel Qorti kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha wara li għamlet apprezzament ħażin tal-provi*

9. Is-soċjetà appellanta tirrileva li s-soċjetà appellata kienet qiegħda tinnega li hija kienet irċeviet is-somma ta' €4,410.84 fi flus kontanti mingħandha. Issostni li l-ħlas kien ġie suffiċjentement ippruvat li sar mid-direttriċi Margaret Brincat fil-preżenza tad-direttur Martin Vella, proprju tliet ijiem qabel l-avveniment. Dan il-ħlas kien sar hekk kif Alan Cutajar kien heddidhom li jekk ma jsirx il-ħlas, huwa ma kienx ser iżarma u jerġa' jarma t-tinda fejn kellha tiġi. Tirrileva li meta sar il-ħlas, Alan Cutajar kien saħansitra nsista li ma riedx l-€0.84ċ. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-ewwel Qorti kienet saħansitra osservat li l-vertenza odjerna kienet għoqda mħabbla b'diskrepanzi eżagerati fid-dokumenti, dati u ammonti prodotti mill-partijiet. Meta mbagħad iddeċidiet li tiskarta dak li qalu d-diretturi tas-soċjetà appellanta stess li l-ammont inkwistjoni kien tħallas fi flus kontanti, hija kienet straħet fuq *email* li bagħtet id-direttriċi Margaret Brincat lil Alan Cutajar fit-23 ta' Novembru, 2015, fejn kienet talbet biss irċevuta tal-VAT fir-rigward tal-ammonti ta' €1,500 u €1,000 li tħallsu permezz ta' *cheque.* Spjegat li ma

kienet intalbet l-ebda irċevuta fiskali għaliex id-direttur tas-soċjetà appellata kien mill-ewwel mal-ħlas għadda *"cash sale"* kif ukoll fattura. Tirrileva li l-ewwel Qorti ma tatx każ il-fatt li fuq l-imsemmija *"cash sale"* kien hemm miktub b'mod ċar b'tipa kbira "NO CREDIT TERMS STRICTLY!", li kienu evidenza tal-fatt li l-pagament sar, altrimenti ma kienet toħroġ l-ebda *"cash sale".*

10. Is-soċjetà appellata twieġeb li fl-ewwel lok huwa paċifiku fis-sistema legali tagħna li qorti tal-appell ma tbiddilx id-diskrezzjoni tal-ewwel qorti għajr f'każijiet eċċezzjonali u jekk jirriżultaw motivi gravi, għaliex tkun sodisfatta li ser issir inġustizzja manifesta. Hija tagħmel riferiment u anki tiċċita minn diversi sentenzi tal-qrati tal-appell in sostenn tal-argument tagħha. Minn hawn tgħaddi sabiex tevalwa x-xhieda ta' Margaret Brincat, l-*partner* ta' Martin Vella, li kienet ukoll taħdem miegħu, fejn din insistiet li tlett ijiem qabel l-avveniment kienu ħallsu €4,410.84. Tirrileva li fil-kontroeżami tagħha fis-seduta tal-10 ta' April, 2019, jirriżulta kemm ix-xhieda tagħha ma kinitx veritiera. Tgħid li l-ewwel Qorti ġustament osservat li din ix-xhud ma kinitx talbet għall-irċevuta ta' din is-somma fl-*email* tagħha lil Alan Cutajar fit-23 ta' Novembru, 2015, iżda semmiet biss il-pagament ta' €1,500 u €1,000.

11. Fil-fatt l-ewwel Qorti straħet biss fuq dan il-fatt sabiex ikkonkludiet li s-somma inkwistjoni ma kinitx tħallset mis-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata. Fil-kawża odjerna jirriżulta li x-xhieda miġjuba miż-żewġ partijiet jagħtu verżjonijiet kuntrarji fir-rigward tal-pagamenti li saru mis-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata, iżda l-prova dokumentarja wisq anqas ma tagħti stampa ċara ta' dak li verament seħħ bejniethom. Għalhekk din il-Qorti

taċċetta li l-ewwel Qorti filwaqt li ġiet rinfaċċjata b'għoqda mħabbla, ftit li xejn sabet provi li setgħu juru liema miż-żewġ verżjonijiet kienet dik veritiera.

12. Alan Cutajar, id-direttur tas-soċjetà appellata, fix-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2016, qal li huwa kien tħallas l-ammont ta' €1,500 mal-ftehim proprju qabel id-data tal-avveniment. Imbagħad fis-16 ta' Novembru, 2015 id-direttur tas-soċjetà appellanta kien bagħtlu ċekk ieħor ta' €1,000, u sussegwentement ma sar l-ebda pagament ieħor minkejja t-telefonati li huwa kien għamel. Spjega li huwa ma kien ħareġ l-ebda rċevuta għaliex ma kienx tħallas il-bilanċ.

13. Il-Qorti tibda biex tgħid li huwa minnu li qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba leġġerment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti jew tribunal, iżda kif tagħraf ukoll is-soċjetà appellata, dan sakemm ma tirriżultax raġuni serja li titlob l-intervent tagħha, senjatament fejn tkun ser issir inġustizzja manifesta ma' xi parti. Għalhekk il-prinċipju jitlob li din il-Qorti għandha tikkunsidra jekk l-ewwel Qorti setgħetx waslet raġonevolment għad-deċiżjoni tagħha.

14. Issa kif għamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva li hemm diskrepanzi konsiderevoli fid-dokumenti li ġew ippreżentati mill-partijiet. Ma jistax jonqos li tosserva wkoll li mhux kontestat li dawn kollha nħarġu mis-soċjetà appellata stess. Tosserva li saħansitra hemm diskrepanzi bejn il-*quotations* u l-fatturi, anki dik maħruġa mis-soċjetà TEC Ltd fir-rigward tal-kiri tat-tinda u l-ammont indikat fil-*cash sale* no. 110[1] tat-23 ta' Novembru, 2015, u l-i*statement*[2] tal-31

[1] *A fol.* 3.

ta' Mejju, 2016. Anki dak li jidher fil-*quote no. 2015358*[3], inkluż il-prezz ma baqgħax l-istess mid-data li ħarġet fis-26 ta' Ottubru, 2015, sa meta s-soċjetà appellata ħarġet il-*cash sale no: 111*[4] fit-23 ta' Novembru, 2015. Il-Qorti tirrileva li s-soċjetà appellata bl-ebda mod ma ttentat tispjega r-raġuni għal dawn id-diskrepanzi.

15. Imbagħad tosserva li filwaqt li x-xhud Alan Cutajar[5] stqarr li kien ħallas għat-tinda huwa stess permezz ta' ċekk tas-soċjetà appellata, din tal-aħħar ma ressqet l-ebda prova dwar il-ħlas allegat u wisq anqas ma pproduċiet l-irċevuta, li ma jistax jonqos li ħarġet il-kumpannija TEC Ltd li kienet kriet it-tinda, filwaqt li ħarġet il-*quotation*[6] tal-kirja direttament lis-soċjetà appellata. Iżda min-naħa l-oħra s-soċjetà appellanta ma kkontestatax l-ammont mitlub għall-kiri ta' din it-tinda u lanqas il-fatt li dan l-ammont kien tħallas mis-soċjetà appellata.

16. Meta mbagħad xehdet Margaret Brincat permezz tal-*affidavit*[7], din qalet hekk:

> *"Barra minn hekk, is-sur Alan Cutajar naqas ukoll illi jippreżenta l-irċevuti fuq ħlas ta'* cash *illi aħna għamilnilu, u li hu stess ħarġilna l-irċevuti għaliex konna ħallasnih f'kontanti - (cash). ...*
>
> *Dan l-ammont waħdu ta' pagament kien jammonta għall-€4,410.84c (erbat elef erbgħa mija għaxar euro u 84 ċenteżmu), illi aħna ħallasna f'cash, u li is-sur Alan Cutajar kien ħarġilna l-irċevuta tiegħu dan, u tahielna meta ġabarhom. Din l-irċevuta*

---

[2] *A fol.* 2.
[3] *A fol.* 15.
[4] *A fol.* 4.
[5] Seduta 27.02.19, *a fol.* 72.
[6] *Supra.*
[7] *A fol.* 84.

*ħa tiġi ppreżentata waqt l-istadju tal-kontro-eżami tas-sur Alan Cutajar mil-Avukat Difensur."*

17. Għalhekk il-kontestazzjoni hija dwar l-allegat dejn dovut għall-kiri tat-tinda. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li hija kienet ħallset l-ammont ta' €4,410.00 fi flus kontanti fejn saħansitra Alan Cutajar kien qal lix-xhieda Margaret Brincat u Martin Vella li l-flus li kien qed jirċievi kienu ser imorru għall-ħlas tat-tinda. Iżda għal xi raġuni l-irċevuta tal-pagament li sar mis-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata, baqgħet ma ġietx ippreżentata f'dawn il-proċeduri kif imwegħda minn dawn iż-żewġ xhieda, filwaqt li aktar tard fl-istess *affidavit*, Margaret Brincat kompliet tinsisti li t-tinda tħallset permezz ta' flus kontanti. L-istess għamel Martin Vella fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tal-10 ta' April, 2019.[8]

18. Il-Qorti tosserva li dan id-dokument[9] li tirreferi għalih ix-xhud huwa intestat *"CASH SALE NO:110"* u huwa datat 13 ta' Novembru, 2015. M'hemm l-ebda VAT indikat hawnhekk għall-kuntrarju ta' *cash sale no:110*[10] ippreżentata mis-soċjetà appellata flimkien mar-rikors promotur. Din tal-aħħar għandha data sussegwenti tat-23 ta' Novembru, 2015, u fiha hemm miżjud il-VAT u anki skont li kienu talbu għalih is-soċjetà appellanta, u b'hekk il-Qorti tqis li huwa dan id-dokument, u mhux l-ewwel wieħed, li jirrifletti l-ftehim bejn il-partijiet.

[8] *A fol.* 118.
[9] Dok. ABC 002, *a fol.* 96.
[10] *Supra.*

19. Il-Qorti qiegħda tieħu wkoll inkonsiderazzjoni li l-istess xhud Margaret Brincat osservat li ma setax ikun li huma ma kinux ħallsu lis-soċjetà appellata, għaliex fuq id-dokument li hija ppreżentat kien hemm miktub *"NO CREDIT TERMS STRICTLY!".* L-istess kliem huma riflessi fid-dokument esebit mis-soċjetà appellata. Iżda l-fatt jibqa' li s-soċjetà appellanta qatt ma ppreżentat prova dokumentarja tal-allegat ħlas u kif sewwa tosserva l-ewwel Qorti, fl-*email* tagħha tat-23 ta' Novembru, 2015, Margaret Brincat filwaqt li insistiet għall-irċevuta fiskali fir-rigward taż-żewġ pagamenti rispettivi ta' €1,500 u €1,000, ma talbitx ukoll irċevuta ta' liema xorta fir-rigward tal-pagament ta' €4,410.00 li kien sar permezz ta' flus kontanti. Il-Qorti tqis li meta l-ewwel żewġ pagamenti kienu saru permezz tal-preżentata ta' ċekkijiet, dawn minnhom innifishom u meta ssarrfu kienu evidenza tal-ħlas li sar mis-soċjetà appellanta. Iżda ġaladarba l-pagament li allegatament sar mill-istess soċjetà permezz ta' flus kontanti kien nieqes minn kull evidenza dokumentarja fil-mument tal-ħlas, hija kienet tenuta tinsisti għal dik il-prova. Imkien mill-atti ma jirriżulta li dan kien il-każ.

Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *l-ewwel Qorti naqset milli tagħti effett fid-deċiżjoni tagħha għal dak li kien irriżultalha*

20. Is-soċjetà appellanta tispjega li t-tieni aggravju tagħha huwa li d-deċiżjoni appellata ma tirriflettx dak li l-ewwel Qorti kkonstatat fir-rigward ta'

ftehim ta' *"barter"* fil-perċentwali ta' 20%. Hawnhekk is-soċjetà appellata tiċċita dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti osservat li s-soċjetà appellata kienet naqset milli toġġezzjona għall-kundizzjoni ta' tpartit ta' servizz u lanqas ittentat tneħħi tali kundizzjoni.

21. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tikkontesta bil-qawwa li bejn il-partijiet kien hemm ftehim għal tpartit jew li il-kundizzjoni ta' tpartit kienet ġiet aċċettata minnha.

22. Din il-Qorti filwaqt li tagħraf li l-ewwel Qorti ma kinitx daqstant ċara fid-deċiżjoni tagħha, tikkunsidra li minn imkien ma jirriżulta fil-provi li l-allegata kundizzjoni ta' tpartit kienet ġiet aċċettata mis-soċjetà appellata. Ġaladarba l-element essenzjali ta' kunsens taż-żewġ partijiet kien nieqes, din il-Qorti tqis li ma seta' jseħħ l-ebda tpartit u għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha.

Għaldaqstant dan it-tieni aggravju mhux ġustifikat u din il-Qorti qiegħda tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *l-ewwel Qorti naqset milli tqis l-inkonsistenzi u l-konfużjoni fil-provi mressqa mis-soċjetà appellata*

23. Dan it-tielet aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta jirrigwarda l-allegat inkonsistenza u konfużjoni fil-provi mressqa mis-soċjetà appellata, li skont is-soċjetà appellanta naqset milli tipprova t-talba tagħha sal-grad rikjest mil-liġi. Tispjega li qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni, is-soċjetà

appellata kienet interpellat lis-soċjetà appellanta għall-ħlas tas-somma ta' €8,511.34, iżda sussegwentement dan l-ammont ġie ridott għal €6,010.00. Is-soċjetà appellanta filwaqt li għamlet riferiment għall-*email* tat-2 ta' Novembru, 2015, mibgħuta mid-direttur tagħha Martin Vella lid-direttur tas-soċjetà appellata Alan Cutajar, issottomettiet li s-somma tal-offerta tas-soċjetà appellata kienet ta' €7,950.84, li minnha kellu jitnaqqas tpartit ta' 20% sabiex b'hekk is-somma pretiża kellha tkun ta' €6,360.67 u s-somma tal-pagamenti ta' €2,500 permezz ta' ċekkijiet u ta' €4,410.84 fi flus kontanti, kienet teċċedi s-somma pretiża. Anki jekk dan il-pagament tal-aħħar kellu jiġi mwarrab, is-somma dovuta ma kellhiex tkun dik ta' €6,010.00. Anki l-ammont ta' €1,910.84 indikat fil-*cash sale a fol.* 26 u 27 ma kienx korrett.

24. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tissottometti li dan l-aggravju mhux differenti mill-ewwel wieħed, fejn qed jerġa' jintalab apprezzament tal-provi. Hija tippreżenta fil-qasir dak li ġie ppruvat permezz ta' kull wieħed mix-xhieda tagħha, u anki permezz tad-dokumenti li ġew esebiti, filwaqt li ssostni li kienet proprju l-verżjoni tas-soċjetà appellanta li kienet waħda konfuża.

25. Din il-Qorti tirrileva li dan l-aggravju diġà ġie deċiż *in parte* meta kkunsidrat l-ewwel żewġ aggravji. Filwaqt li hemmhekk ippronunzjat ruħha li kien hemm diversi diskrepanzi fid-dokumenti li nħargu mis-soċjetà appellata, qieset li s-soċjetà appellanta min-naħa tagħha naqset milli tressaq prova tal-allegat ħlas ta' flus kontanti fis-somma ta' €4,410.00 u anki tal-kunsens tal-parti l-oħra għall-kondizzjoni ta' tpartit fil-perċentwali ta' 20% ta' dak dovut lis-soċjetà appellata. B'hekk din il-Qorti ma tistax taċċetta li llum ma hemm l-ebda ammont dovut lis-soċjetà appellata.

26. Is-soċjetà appellanta tagħmel ukoll riferiment għall-ammont mitlub fl-ittra interpellatorja mibgħuta mis-soċjetà appellata fl-10 ta' Marzu, 2016 lis-soċjetà appellanta, u tgħid li huwa inspjegabbli kif l-ammont hemm pretiż kien ta' €8,511.34 u sussegwentement dan ġie ridott għal €6,010.00. Iżda din il-Qorti tqis li x'aktarx l-ammont indikat fl-ittra interpellatorja erronjament ma kienx ħa inkonsiderazzjoni żewġ pagamenti magħmula permezz ta' ċekkijiet fis-somma ta' €2,500 u ma tarax li dan għandu jkun fattur determinanti fid-deċiżjoni tal-vertenza odjerna.

Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll mhux ġustifikat u għandu jiġi miċħud.

*Ir-raba' aggravju:* *l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata fir-rigward tas-sottomissjoni ta' nuqqas ta' professjonalità fl-armar*

27. Is-soċjetà appellanta tispjega li l-aħħar aggravju tagħha huwa rigward l-interpretazzjoni żbaljata tal-ewwel Qorti tas-sottomissjoni tagħha li s-soċjetà appellata wriet nuqqas ta' professjonalità fl-armar. Dan peress li l-ewwel Qorti interpretat is-sottomissjoni tagħha bħala intiża sabiex teżoneraha mill-allegat obbligu ta' ħlas. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta kienet ressqet diversi provi li kollha wrew li s-soċjetà appellata kienet naqset milli teżegwixxi dak mitlub minnha.

28. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tissottometti li dan l-aggravju jirrepeti l-ewwel u t-tielet aggravji dwar l-apprezzament tal-provi. Tirrileva li s-soċjetà appellata fl-ebda ħin qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni ma

kienet ilmentat dwar is-servizz provdut, u l-provi kollha kienu juru li dan is-servizz ma kienx ingħata ħażin.

29. L-ewwel Qorti osservat li mill-provi li tressqu, u hawnhekk tagħmel riferiment partikolari għal *Facebook post,* kien jidher li s-soċjetà appellanta kienet kuntenta bis-servizz li ngħatat mis-soċjetà appellata. Dan b'eċċezzjoni ta' xi diżgwid dwar l-armar tat-tinda u l-qies tal-palk, liema kwistjonijiet tosserva kienu ġew riżolti qabel l-avveniment.

30. Din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-ewwel Qorti. Tqis ukoll li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha li s-servizz mogħti mis-soċjetà appellata ma kienx wieħed sodisfaċenti. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata ressqet diversi xhieda sabiex turi li ma kien hemm l-ebda problema bis-servizz li hija rrendiet lis-soċjetà appellanta. Hawnhekk din il-Qorti tixtieq tagħmel riferiment għall-*affidavit*[11] ta' Ivan Spiteri Lucas. Dan ix-xhud filwaqt li jagħti rendikont tal-andament ta' dik is-serata, fl-ebda ħin ma jsemmi li kien hemm xi ntopp attribwibbli lis-soċjetà appellata. Għal dak li jirrigwarda l-użu tal-palk, huwa jirrileva li l-Yada Dance Company m'għamlux użu minnu stante li kien imxarrab riżultat tal-umdità. B'hekk l-art tiegħu kienet tiżloq u ma kinitx tajba sabiex jiżfnu fuqha. Kien proprju għalhekk li huma għażlu li jagħmlu użu mill-art tal-konkos fejn il-palk.

Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aħħar aggravju wkoll mhux ġustifikat u tiċħdu.

[11] *A fol.* 48.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**